CCT/149/24/S

Aaron Micallef Piccione

Vs

Grand Hotel Excelsior Ltd

Illum 29 ta' Jannar,2026.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Aaron Micallef Piccione pprezentata fid-19 ta' Lulju, 2024 u r-risposta tas-soċjeta' Grand Hotel Exelcior Ltd ipprezentata fl-20 t'Awwissu, 2024.

Ra d-dokumenti prezentati, sema' l-partijiet u x-xhieda tagħhom u trattazzjoni magħmula fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2025

Ikkunsidra,

Illi din il-pendenza tirrigwarda depożitu fuq sala tat-tieġ tar-rikorrenti illi sussegwentement allega li l-istess sala kienet iddeterjorat fid-dehera tagħha u għalhekk xtaqat li t-tieġ isir f'post ieħor fl-istess lukanda, filwaqt illi s-soċjeta' intimata tat xi opzjonijiet pero' il-partijiet ma rnexxilhomx jaslu għal xi tip ta' ftehim.

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega u dan skont l-Artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fil-ftehim miktub bejn il-partijiet, huwa imniżżel ċar daqs il-kristall illi id-depożitu imħallas mir-rikorrenti huwa wieħed mhux rifondibbli.

Illi għalhekk ir-rikorrenti allega illi is-sala in kwistjoni iddeterjorat fid-dehera tagħha wara li l-istess rikorrenti kien

għamel l-għażla tiegħu għal din is-sala, il-provi juru mod ieħor u it-Tribunal hu tal-fehema li r-rikorrenti ma rnexxilux jistabbilixxi dak minnhu allegat.

Illi min-naħa l-oħra t-Tribunal jirrileva illi il-ftehim bejn il-partijiet huwa ċar u ma jħalli ebda lok għal interpretazzjoni u cioe li d-depożitu li tħallas fil-bidu kien wieħed mhux rifondibbli.

Illi għalhekk jidher biċ-ċar li l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi jekk għal xi raġuni il-ftehim ma jitwettaqx, id-depożitu imħallas mir-rikorrenti kien jintilef.

Illi il-qrati tagħna konsistentement ikkonfermaw li gjaladarba tali klawsola fil-ftehim bejn il-partijiet tirrifletti ir-rieda tal-istess partijiet u gjaladarba tali klawsola hija valida, din għandha tiġi implimentata u esegwita. (Ara is-sentenzi "**Edwin Vella vs Wilfred Mamo nomine**" deċiża mil-Qorti tal-Appell Kummerċjali fit-13 ta' Ottubru 1989, u s-sentenza fl-ismijiet "**Malta Shipyards Ltd vs VPJ Ltd**" deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju 2009.

Illi dan it-Tribunal jagħmel ukoll riferenza għall-Artiklu 992 tal-kodiċi ċivili liema artiklu jgħid hekk "*Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom u dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu imħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin, tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi…*"

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' Grand Hotel Exelscior Ltd filwaqt li Jiċħad it-talba tar-rikorrenti Aaron Micallef Piccione b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha rispettivament ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru